MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2010

Numru. 607/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Sandra Zammit]**

**vs**

**Rona Galea**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Rona Galea detentrici tal-karta tal-identita` numru 527279(M).

Akkuzata talli fix-xhur ta’ Mejju u Gunju tal-2010 gewwa Nru. 11, Triq Dun Anton Vella, Siggiewi, ikkommettiet serq ta’ diversi gojjelli tad-deheb, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, bil-persuna u bil-lok.

Rat id-dokumenti pprezentati;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati u cioe` l-Artikoli 279 u 280 tal-Kap. 9.

Stante ammissjoni ssib lill-imputata hatja tal-akkuza kif dedotta kontriha u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 qed tppoggiha taht *Probation Order* ghal zmien sentejn u ghal dan il-ghan ghandu jitqabbad *Probation Officer* li jimmoniterja lill-imputata f'dan il-perijodu u jassigura li dan taghmel programm kontra d-dipendenza tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------